GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħat Nru. 25 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 16 ta'Settembru, 2010, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Petty Cash Awwissu 2010;

   b) Skeda ta' Hlas Awwissu 2010.
5. Il-Kuntratti;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 24 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

1. Is-Segretarju qalet li xtaqet tinforma lill-Kunsill li kellha laqgħa mad-Direttur Għall-Gvern Lokali dwar telefonata li rcieva s-Sindku mingħand kuntrattur waqt il-proċess ta' l-għażla. Is-Segretarju qalet li hi ma' qalet xejn dwar dan fil-laqgħa li għaddiet għax l-ewwel riedet tieħu parir mingħand id-Direttur. Sadanittant hi qalet li ngħatat il-parir li għalissa tibqa' għaddejja bil-proċess tat-*tenders*. Intant is-Sindku nforma lis-Segretarju li kien hemm żewġ kuntratturi oħra li għamlu kuntatt miegħu.

2. Dwar it-talba li għamlet is-Segretarju biex titħallas tal-mera li kissrulha waqt il-qadi tax-xogħol meta kienet il-*Water Services Corporation*, is-Segretarju ppreżentat rapport iffirmat mix-xhieda w irċevuta tal-mera li biddlet. Il-Kunsill approva il-ħlas ta' €238.

3. Is-Segretarju qalet ukoll li mill-aħħar laqgħa rċeviet tlett kwotazzjonijiet li talbet għar-*railing* tat-*toilets* li hemm fejn il-*ground* tal-*mini-pitch*. Dawn kienu mingħand:

| | | |
|---|---|---|
| Arion Foundry Products | = | €1950 |
| Maurice Sultana | = | € 980 |
| Bonnici Garage | = | € 800 |

Il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-offerta l-aktar vantaġġjuża ta' Bonnici Garage.

4. Dwar il-laqgħa mal-Każin tal-Football ta' Ħal Għaxaq is-Segretarju qalet li għadu ma sarx appuntament biex jiltaqgħu u staqsiet meta jkun l-aħjar li ssir il-laqgħa. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa għandha ssir il-Ħadd, 26 ta' Settembru, 2010, fl-10.30 ta' filgħodu.

5. Is-Segretarju tablet il-Kunsill biex isib data biex jiltaqgħu mas-Sur Julian Zarb mit-Turizmu sabiex jiġu diskussi opportunitajiet ħalli Ħal Għaxaq ikun inkluż fil-programm għat-turisti. Ġie deċiż li tintbagħat e-mail lis-sur Zarb biex isir appuntament.

**Is-Segretarju tablet sospensjoni tal-Laqgha minħabba li f'dak l-istadju kellha ssir laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Ik-Kunsill qabel u saret il-laqgħa tal-Kumitat. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Minuti tal-istess kumitat jitqiesu li qed jagħmlu parti mill-proċess tal-istess Kunsill.**

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali irċevejna *draft* dwar il-Playgrounds Safety Standards, fejn talbuna nikkumentaw dwarhom.

Irċevejna wkoll sabiex nattendu laqgħa dwar Premijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża, fis-16 ta' Settembru, ġewwa l-Kunsill Lokali Naxxar għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u l-iskrivan *part-time*. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġiet diskussa kompetizzjoni li ser issir fejn il-Kunsill jgħid x'għamel u x'*feedback* kien hemm jew x'se jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jsiru l-ismijiet tal-ħwienet fuq tabelli biex jindikaw fejn qegħdin dawn il-ħwienet.

Irċevejna wkoll dwar Memo 117/2010 – *Reference Framework for Sustainable Cities*, din saret laqgħa ta' informazzjoni li għaliha attenda s-Sindku, anness hemm il-preżentazzjoni kollha. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa t-tagħrif kien li jekk il-Kunsill japplika għal progett, il-MEPA tista' tissuġġerixxi w tiggwida l-Kunsill f'xi ħaġa oħra li tista' ssir biex il-proġett ikun aħjar.

Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-Kumpanija Vodafone, fejn ser tippremja Kunsilli Lokali li wettqu xi proġetti ambjentali fil-lokalita, ser jintagħżel Kunsill wieħed minn kull reġjun. ( Ġnien).
Memo 119/2010 – *Green Challenge and Community Involvement Award*.
Memo 120/2010 – Użu tal-*laptops*.
Memo 121/2010 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011.
Memo 122/2010 – Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

2. Mingħand MRRA, fejn infurmaw li ser isiru laqgħat ta' nformazzjoni għall bdiewa u raħħala, *poster* anness.
Infurmaw ukoll li ser jittieħdu passi krimnali kontra l-ħaddiem ta' l-istess Ministeru assenjat mal-Kunsill Saviour Briffa.

3. Mingħand il-*Cultural Heritage*, fejn bagħatu kwestjonarju dwar x'attivitajiet kulturali li saru matul is-sena 2009, din ġiet imwieġba.

4. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp Nru. PA 3124/10 għal kostruzzjoni ta' dar u garaxx fi Triq San Filippu.
Applikazzjoni Nru. PA 3346/10 dwar xi alterazzjonijiet esterni w interni fi Triq San Gorg Preca .
Irċevejna Applikazzjonijiet Ġodda ta' Żvilupp Nru. PA 2989/10 dwar kostruzzjoni ta' garaxxijiet, ħwienet, *flats* u *penthouses* fi Triq il-Bizzilla k/m Dawret Ħal Għaxaq.
Applikazzjoni Nru. PA 3170/10 dwar kostruzzjoni tat-tieni sular f'Dawret Ħal Għaxaq.
Applikazzjoni Nru. PA 3123/10 dwar tibdil żgħir fil-PA 4522/07 f'sit fil-*Housing Estate*.
Applikazzjoni Nru. PA 3355/10 kostrizzjoni ta' garaxxijiet u 4 *residential units* fi Triq l-1 ta' Jannar, 1626.
Applikazzjoni Nru. PA 3390/10 kostruzzjoni ta' żewġ appartamenti, *maisonette* fi Triq Tal-Millieri.

5. Mit-Transport Malta infurmaw li fir-rigward tat-talba li għamel il-Kunsill sabiex ikun hawn *Car Free Day* fil-lokalita, l-aħjar huwa li ssir laqgħa mas-Sur Kevin Zahra.

6. Mill-Enemalta infurmaw li t-talba li kien għamel il-Kunsill għal bozza ġdida fi Trejqet St.Kristu ġiet approvata.

7. Mill-MEUSAC bagħatulna l-*Memorandum of Understanding*, fejn dan ikun irid jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, meta l-Kunsill ikun ser japplika għal xi fondi bil-għajnuna tal-istess MEUSAC.

8. Mingħand l-WSC bagħatu l-ħlas tar-re-instatement tas-sena 2007 skond il-ftehim li kien sar l-ammont tal-ħlas huwa ta' € 4,750.

9. Irċevejna sabiex jingħata Rikonoxximent liż-Żagħżugħ/a tas-sena 2010.

10. Mingħand l-ETC dwar Seminar li ser isir fis-7 ta' Ottubru, ġewwa l-Grand Excelsior Hotel, għal *HR Managers*. Is-Segretarju qalet li hi tixtieq tattendi ghal dan is-Seminar.

11. Mingħand R. Sciberras Segretarju eżekuttiv Reġjun Nofisnhar, fejn informa li s-ser tiġi organizzata kompetizzjoni bit-titlu '*Access City Award*', fejn il-Kunsill kiteb dwar il-latrini pubbliċi li hemm f'Misraħ Santu Rokku għal persuni b'diżabilita u anke ta' dawk li hemm fil-*ground* tal-*Housing Estate*.
Irċevejna wkoll dwar informazzjoni ta' xi siti fil-lokalita' sabiex pazjenti tad-Dipartiment tal-*Occupational Therapy* f'Monte Carmeli ikunu jistgħu jingħataw s-servizzi fil-komunita' stess.

12. Mingħand il-Caritas, infurmaw dwar Jum Internazzjonali kontra l-Faqar u l-Eskluzzjoni Soċjali.

13. Fil-Gazzetta *Malta Today* kien hemm artikolu dwar il-ħabsin li kienu qed jagħmlu xogħol għal Kunsill.

14. Mingħand Rennie Vella, fejn stieden il-Kunsill sabiex jekk irid jipparteċipa fil-programm Sibtijiet Flimkien fuq ONE TV.

15. Mingħand is-Sur Inguanez fejn issuġġerixxha li l-Kunsill jorganizza xi attivitajiet lokali fejn ta' ideat ta' x'jista' jsir.

16. Mingħand Schembri Barbros fejn talbu x'informazzjoni dwar meta l-bilanċ pendenti li hemm magħhom ser jitħallas in konnesjoni mal-ġnien u l-ground fil-Housing Estate.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lill-Pulizija ta' l-Għassa taz-Zejtun sabiex ikunu jistgħu jipproċedu f'isem il-Kunsill kontra minn wettaq xi ħsarat fl-għamara tat-triq tal-Kunsill kawża ta' aċċident tat-traffiku li sar fis-26 t'Awwissu, 2010.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur G. Zammit ta' l-ETC dwar il-ħaddiema li għandna assenjati mal-Kunsill. Is-Segretarju qalet li din se tkun l-aħħar darba li se titkellem dwar il-ħaddiema kemm ta' l-ETC kif ukoll tal-IPSL. Is-Segretarju qalet li għalkemm sar ftehim bejn is-Sindku u s-Sur Zammit biex il-ħaddiema jibdew nofs siegħa kmieni u jispiċċaw nofs siegħa kmieni, il-ħaddiema skond il-ftehim li ffirmat hi hu, li jibdew fis-7.00a.m. u jispiċċaw fis-13.00 fis-Sajf iżjda dawn jibdew fis-7.30am u jitilqu xi drabi fl-10.30 a.m. jew ftit aktar tard. Qalet li hi mhux se tieħu responsabbilta' aktar ta' dawn il-ħaddiema.

Tkellmet ukoll dwar il-ħaddiema tal-IPSL fejn qalet li dawn jibdew fis-7.30am u jitilqu fl-10.30am. Is-Sindku qal li dawn il-ħaddiema jagħmlu biċċa xogħol u jitilqu.

Il-Kunsillier Picco qal li hu ma jaqbilx li dawn il-ħaddiema jitilqu daqshekk kmieni, qal li għandhom jagħmlu sa nofs in-nhar almenu. Qal li mhux sewwa li jħallu ix-xogħol għal ġurnata ta' wara w jitilqu bi dritt għax jekk tkellimhom jieħdu tagħhom minn fuq.

Is-Sindku qal li kemm il-ħaddiema tal-ETC kif ukoll tal-IPSL se jieħu ħsiebhom hu u jekk jinqala' xi ħaġa jwieġeb hu għalihom.

Is-Segretarju qalet li hi mhux se tieħu ħsieb dawn il-ħaddiema qalet ukoll li għaliha jiġu jew ma jiġux il-ħaddiema xorta għax in-nies jafu li l-Kunsill jaf li dawn jitilqu kmieni. Qalet ukoll li dejjem tidher kerha mall-ħaddiema għax tgħidilhom biex ma jitilqux kmieni. Is-Segretarju qalet li man-nies il-Kunsill qiegħed jidher ikrah hi mhux qeda' hemm għall-voti iżda l-Kunsill minn nies irid. Is-Segretarju qalet li se tinforma lil-ETC u l-IPSL li hi mhux se tkun responsabbli mill-ħaddiema tagħhom.

c) Lill-Transport Malta dwar li *speed limit* tal-Bypass ta' Ħal Għaxaq.

## 4. Materji Finanzjarji

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awwissu li kienu jammontaw għal €29.95. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€29.95 għall-*petty cash*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Awwissu 2010*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2010 u li jammontaw għal €28,215,13. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.1.3 *Laqgha Kumitat tal-Finanzi:* Kopja tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi u Rapport tat-Tieni Kwart (April – Gunju 2010) mehmuza. (App. 1)

## 6. Kuntratti

Is-Segretarju poġġiet fuq il-mejda rapport li sar dwar il-Laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. (App. 2)
Is-Sur Abdilla spjega r-Rapport u s-suġġerimenti tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni.
Is-Sur Abdilla qal li dwar il-kuntratt tal-knis il-Bord issuġġerixxa li jintagħżlu l-kuntratturi Ronald u Christopher Bezzina minħabba li dawn kienu se jaħdmu bi tlieta minn nies u finanzjarjament ikun jaqbel. Il-Kunsill qabel mal-Bord tal-Aġġudikazzjoni qabel ukoll li jkun hemm *probation* ta' sitt xhur u jekk il-Kunsill ma jkunx sodisfatt bix-xogħol ta' dan il-kuntrattur, il-Kunsill iwaqqfu milli jkompli.

Dwar il-Kuntratt tal-Ġbir ta l-iSkart u l-iSkips, il-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni ssuġġerixxa li finanzjarjament ikun jaqbel li jintagħżel il-kuntrattur Wilson Mifsud.

Is-Sur Abdilla qal li hu personali ma kienx kuntent bix-xoghol tal-kuntrattur Richard Darmanin qal ukoll li dan l-kuntrattur ma kienx qiegħed jagħmel xogħol sodisfaċenti għax sikwit in-nies kienu jgergru minħabba li l-iskips kienu jitħallew maħmuġin jew imkissrin. Kien hemm drabi wkoll l-iskips kienu jitneħħew u kien hemm dewmien meta dawn kienu jerġgħu jitpoġġew f'posthom.

Is-Sur Abdilla qal li meta ħarġu l-kuntratti dawn kienu għal żewġ tipi ta' servizzi, il-ġbir *door-to-door* u ta' l-iskips.Qal li l-aħjar dawn jittieħdu t-tnjen flimkien.
Is-Sur Abdilla kompla jgħid li l-Kunsill ma għandux jibża' joħroġ '*Default Notices*' lill-kuntratturi meta dawn ma jkunux qed jagħmlu xogħolhom sewwa.
Is-Sur Picco qal aħjar wieħed iħallas ftit aktar u jkun moqdi aħjar.
Is-Sinjura Agius qalet li ma tantx tixtieq tikkummenta għax lis-Sur Wilson Mifsud kien ġirien tagħha.
Is-Sur Attard qal li jaqbel li l-Kunsill jipprova kuntrattur ġdid.
Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan it-*tender* jingħata lis-Sur Wilson Mifsud, qabel ukoll li jkun hemm *probation* ta' sitt xhur u jekk il-Kunsill ma jkunx sodisfatt bix-xogħol ta' dan il-kuntrattur, il-Kunsill iwaqqfu milli jkompli. Il-Kunsill qabel.

**7. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.**

1. Is-Segretarju qalet li għalkemm il-*mobile* tal-Kunsill inxtara dan ma għandux kreditu fih u għalhekk talbet li tinxtara *card* ta' €20 biex dan il-*mobile* ikun jista' jintuża. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sur Abdilla qal li jekk il-Kunsill bil-ħsieb li jżejjen għall-Milied ma jħalliex għall-aħħar biex jiġbor kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li jintalbu kwotazzjonijiet ukoll għal 50 *Diary* u 2,000 kartolini.

3. Is-Sur Attard staqsa jekk il-Kunsill hux se jiġbor l-ismijiet minħabba t-tilqima ta' l-influwenza. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda nformazzjoni dwar dan. Is-Segretarju qalet li kif jirċievu nformazzzjoni l-uffiċċju jibdew jintlaqgħu l-ismijiet tar-residenti għat-tilqima.

4. Is-Sur Attard qal li hemm tappieri tal-festa fit-toroq li huma maqsumin, qal li l-aħjar dawn jinqalgħu.

5. Is-Sinjura Agius qalet li fi Triq il-Fidloqqom, Tal-Millieri li tagħti għall-Gudja hemm il-ħtieġa li t-Triq tittranġa u tiġi taqleb biex l-ilma ma jidħolx għand in-nies. Is-Sindku qal li din it-Triq se tittranġa.

6. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-librerija hiex responsabbli tal-Kunsill minħabba li waslitilha nformazzjoni li l-librara ma kienetx hemm għal xi ġranet u kien hemm sostituta. Staqsiet jekk il-Kunsill kienx jaf dwar dan. Is-Sindku qal li l-librara siefret għal xi jiem u ħalliet oħra tieħu ħsieb il-librerija.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

7. Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk Triq ir-Rebbiegħa u Triq id-Dejl jistgħux isiru *One Way*.  Is-Sindku qal li l-ewwel jeħtieġ niktbu lill-*Transport Malta* dwar dan.

8. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk Skola Sajf ġiet fit-tmiem tagħha, kemm kien hemm tfal u għalliema.  Is-Sindku qal li Skola Sajf spiċċat, kien hemm 28 tfal u żewġ għalliema.  Qal ukoll li għamlilhom festin żgħir meta spiċċaw.

9. Is-Sur Attard qal li hemm il-ħtieġa li ssir bozza ħdejn il-*Beachpost* Ta' Karaġ. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sindku qal li daħal ilment biex Triq Ħas-Saptan, Triq Għar Dalam u Triq San Gorg isirilhom il-*patching*. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

11. Il-Viċi Sindku s-Sur Abdilla qal li l-bozza ta' fuq il-Kurcifiss għanda bżonn tinbidel.  Il-Kunsill qabel.

12. Il-Kunsillier Attard qal li fil-Bypass hemm il-ħtieġa li jinbidlu tlett bozoz.  Il-Kunsill qabel.

13. Il-Kunsillier Agius qalet li d-dawl tat-*traffic lights* fejn il-ġnien qiegħed idum ma' jixgħel.Is-Sindku qal li dan diġa' ġie rrapurtat.

14. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinżabru s-siġar madwar ir-raħal u l-*Housing Estate*.  Il-Kunsill qabel.

15. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw ftit siġar biex jitħawwlu. Il-Kunsill qabel.

16. Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-kuntrattur li se jieħu ħsieb il-latrina biex isiru tabelli tal-ħinijiet li tkun miftuħa l-latrina.  Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

17. Is-Sindku qal li nsterqu siġar li twaħħlu ħdejn il-*mini-pitch* u meta staqsa lil l-*iSterling Security* jistgħux jaraw min kien dak li seraq is-siġar, l-iSterling qalu li huma ma jimmoniterjawx affarijiet bħal dawn iżda il-karozzi biss.  Is-Sindku qal li jekk ma jsirx *monitoring* ta' kollox b'dawn il-kameras, allura il-kamera titneħħa.

**9.** **Aġġornament**

Is-Sindku fil- 5.45pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2010, fit-3.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It-Tnejn, 11 t'Ottubru, 2010, fit-3.00pm.**